

# Aħbar Tajba

Is 56, 1.6-7
S 66 (67), 2-3.5.6.8
Rum 11, 13-15.29-32
Mt 15, 21-28

**"Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa jsirlek kif tixtieq."**
U minn dak il-ħin stess bintha fieqet.

X'għandek tagħtih jiekol kelb? Forsi d-dar għandkom kelb bħala *pet* jew inkella taf lil xi ħadd li għandu wieħed. Tista' tagħtih ikel tal-klieb fil-bott jew inkella ikel niexef apposta għalihom. Tista' titimgħu milli jifdal mill-ikel tagħna? Forsi jkun fadal xi biċċa laħam tajba, jew inkella daqsxejn mill-għaġin? Jekk tisma' lil xi veterinarju jista' jgħidlek li m'għandek qatt titma' kelb milli jifdal mill-ikel tagħna. Dan minħabba li ma jkunx fih l-affarijiet li l-kelb ikollu bżonn. Imma mur fiehem lill-kelb, x'ħin tpoġġi bilqiegħda biex tiekol. Arah jiġi ħdejn saqajk, b'ilsienu barra jħares lejk qisu qed jgħidlek: "U ejja, tini biċċa!"

Fl-Evanġelju llum naqraw silta li l-ewwel darba li nisimgħuha tinstema' stramba għax ma nistennewx lil Ġesù jitkellem hekk. Ħafna kienu semgħu bil-mirakli li kien jagħmel Ġesù u allura kull fejn kien imur, in-nies kienet dlonk tinġabar madwaru, min jitolbu xi miraklu waqt li oħrajn kienu kurjużi u xtaqu jaraw xi ħaġa li qatt ma raw. Imma, darba waħda, marret fuqu mara Kangħanija titolbu li jeħles lil bintha minn spirtu ħażin li kien qed itellifha. Id-dixxipli qalulu biex jeħles minnha malajr għax kienet qed tagħmel ħafna storbju. Imma Ġesù jgħidilhom li l-missjoni tiegħu kienet marbuta mal-poplu Lhudi! Meta baqgħet tinsisti miegħu Ġesù jagħtiha tweġiba li tħallina bla kliem. "Mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi." Ġesù jqabbel lil-Lhud ma' ulied u l-popli l-oħra mal-ġriewi jew klieb żgħar!

Tgħiduli x'jiġifieri jitkellem hekk?! Anqas tistenniha li Ġesù jqabbel lil xi ħadd ma' ġeru ta' kelb, b'mod speċjali tifla li għandha bżonn min jgħinha. M'hemmx dubju li għal Alla l-popli kollha huma wliedu, imma f'din is-silta Ġesù qisu qed jipprova n-nies ta' quddiemu biex jara kif iwieġbu; u tassew li din il-mara tagħtih l-aħjar tweġiba. "Hekk hu, Mulej", qaltlu, "iżda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak li jaqa' minn fuq il-mejda ta' sidhom!" Hawnhekk Ġesù jfaħħar il-fidi kbira tagħha u jfejqilha t-tifla.

Is-silta tal-lum tfakkarna kemm hu importanti t-talb. Anke meta tibda taħseb li Alla mhux qiegħed jisimgħek, kompli itlob. Is-Sinjur Alla dejjem se jagħtina dak li għandna bżonn meta nitolbuh. Madankollu kultant nitolbu iktar minn dak li jkollna bżonn, jew nitolbu xi ħaġa li mhux tajba għalina, u allura Alla jagħżel li jagħtina xi ħaġa oħra. Imma qatt tieqaf titlob, għax il-fidi tiegħek se tiftaħ il-bieb lil Alla biex jidħol u jaħdem fik.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
ĠESÙ, TIR, SIDON, KANGĦANIJA, BINTI, MAGĦDURA, XITAN, EĦLES, TGĦAJJAT, NAGĦAĠ, ULIED, DAR, IŻRAEL, ĠRIEWI, ĦOBŻ, FRAK, MEJDA, FIDI.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | Ġ | E | R | U | Ħ | R | IE | F | A |
| W | D | T | I | F | L | A | R | I | F |
| E | E | Ħ | B | E | J | Ż | A | D | N |
| J | J | F | I | D | U | Ċ | J | A | P |
| F | R | A | K | M | GĦ | Ħ | O | B | Ż |
| I | I | K | A | E | X | I | T | A | N |
| D | L | E | N | J | N | A | GĦ | A | Ġ |
| I | M | A | GĦ | D | U | R | A | Ġ | R |
| F | E | S | A | A | L | S | J | E | IE |
| I | Ħ | I | N | R | IE | A | J | S | W |
| Ċ | L | D | I | I | D | G | A | Ù | I |
| Ċ | E | O | J | B | I | N | T | I | R |
| J | S | N | A | I | Ż | R | A | E | L |





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

Nieħu gost meta xi ħadd jgħidli: " Jien ma naqbilx" għax dan huwa l-veru kollaboratur. Meta xi wħud jgħidu: "Oh kemm hu tajjeb, kemm hu tajjeb, kemm hu tajjeb," dan il-kliem ma jiswa' xejn.

U int kapaċi tkun sinċier fir-risposta tiegħek meta tiġi mitlub l-opinjoni tiegħek f'xi ħaġa li ma taqbilx magħha?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.


**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION